MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Numru 360/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ramon Mercieca**
**Spettur David Saliba)**

**vs**

**OMAR MALLIA**

**Illum 26 ta' Frar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Omar Mallia ta' 26 sena bin Louis u Alfrida xebba Borg imwieled Pieta' d.t.t. 9.12.1976 u li joqghod 124/2, St. Christopher's Street, Valletta. Nru tal ID card 65377M gie akkuzat:

Talli a) f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar xhur ta’ April, b’diversi atti maghmultin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda ai termini tal-artikolu 18 tal Kodici Kriminali Kap 9 tal-ligijiet ta’ malta.

1. talli matul ix-xahar ta’ Marzu, 2003 minn gewwa l-fond sitwat f’numru 124, Flat 2, Triq San Kristofnu, L-Belt Velletta ikkommetta serq ta’ ghamara u affarijit ohra li l-ammont taghhom huwa ta’ aktar imm Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad dannu ta’ Alfrida Mallia mill-Belt Valletta liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

2. u aktar talli matul l-istess xahar ta’ Mazu, 2003 f’dawn il-Gzejjer, f’hinijiet differenti b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet floloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ kriditi immaginarji, ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm100 ghad dannu ta Vincenza Grixti, Brian Azzopardi El Wanda Micallef u Jason Mallia lkoll mill-Belt Valetta u dan bi ksur ta’ l-artikolu 308 u 309 tal Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

3. U akar talli fl 24 ta’ Marzu, 2003 fil-Belt Valletta matul il-gurnata ikkommetta serq ta’ apparat cellulari ‘mobile phone’ tal-ghamla Panasonic li l-valur tieghu huwa ta’ Lm70 u dan ghad dannu ta’ Johann Chetcuti minn Bormla liema serq huwa kkonsidrat bhal serq semplici ai termini tal artikolu 284 tal Kap 9 tal ligijiet ta’ Malta.

4. U aktar talli fl 4ta’ April, 2003 minn rezidenza sitwaa 97 Triq Palma, f’Rahal Gdid, matul il-gurnata ikkommetta serq ta appart cellulari ‘mobile phone’ tal-ghamla Motorola li l-valur tieghu huwa ta’ Lm45 u dan ghad dannu ta’ Hilda Urry mir-Rahal Gdid liema serq huwa kkwalifikat bil lok u l-persuna

5. U aktar talli fl 14ta’ April, 2003 matul il-gurnata, mill fond sitwata fi Triq San Alwigi l-Msida kkometta serq ta’ diversi oggetti eletronici fosthom monitor u appart tal-kompjuter hwejjeg u oggetti ohra li l-valur taghhom

jeccedu l-valur ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad dannu ta’ Rita Slannon liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

6. U akar talli fil 15ta’ April, 2003 minn San Giljan matul il-gurnata ikkometta serq ta’ statwa li l-valur taghha mhux maghruf, mill Milenuim Chapel li hija sitwata fi Triq il-Knisja, San Giljan ghad dannu ta’ Fr Tagliaferro jew terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat bil-lok.

7. U aktar talli matul dawn l-ahhar ghaxar xhur u qabel l-10 ta’ April, 2003 f’Rahal Gdid matul il-gurnata ikkommetta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb u fidda li l-valur taghhom jeccedu l-valur ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad dannu ta Christina Grogan liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u lok.

8. U aktar talli matul dawn l-ahhar ghaxar xhur u qabel l-10ta’ April, 2003 f’diversi bnadi f’Malta, matul il-gurnata, ikkommetta serq ta’ flus kontanti liema ammont jecceddi lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad dannu ta’ Christina Grogan liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u l-valur.

9. U aktar talli f’dawn l-ahhar xhur u qabel April, 2003 f’dawn il-Gzejer xjentement xtara u laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reati sew jekk dawn saru f’malta jew barra minn Malta, jew xjentement b;kull mod iehor li indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

10. U aktar talli huwa ricediv b’diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta liema sentenzi huma definitivi u li ma jistghux jigu mhassra.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok RD3.

Innutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega’ gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c), (d) u (e), 263, 267, 268, 269, 278(3), 279, 280(2), 281(a), 308, 309, 284, 334, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Omar Mallia, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-problema tad-droga li ghandu l-imputat u l-fatt li mill-Fedina Penali tal-imputat jirrizulta li l-istess imputat inghata l-opportunitajiet li jirriforma ruhu, pero` jidher car li l-imputat naqas li jiehu dawn l-opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu, tikkundanna lill-imputat Omar Mallia ghall-piena komplessiva ta’ tletin (30) xahar prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------